# IRID IKUN MIRAKLU

1.

In-nies kollha qamet bil-wieqfa fil-awla tal-Qorti meta l-Imhallef dahal biex jaghti s-sentenza. Wara li qaghad bil-qieghda fuq il-bank tal-gustizzja, talab lill-imputat biex iqum bil-wieqfa. Il-gurati sabu liz-zaghzugh hati ta' attent ta' qtil b'erba' voti kontra tlieta. "Billi inti ghadek zaghzugh, il-kondotta tieghek nadifa u kulhadd xehed li inti  ta' karattru tajjeb qieghed nikkundanak ghal tlett snin turufnament fis-Siberja."



Meta Nikolai sab ruhu turufnat fis-Siberja huwa sab kenn ghand wahda mara armla, jisimha Maruska li krietlu l-kamra ta' fuq ta' darha. Ma staqsitux kif sab ruhu hemmhekk biex ma jimbarazax ruhu. Imma ma ddispjacihiex li dahhlitu gewwa darha billi fommu kien sieket u ta' kultant jaghtiha daqqa t'id fix-xoghol tad-dar. Hafna mill-hin tieghu kien jghaddih maqful fil-kamra ta' fuq jaqra u jistudja. Li kien jaqra kotba religjuzi u fuq Alla, ix-xiha ndunat bih meta kienet tmur tnaddaf il-kamra fejn kien joqghod Nikolai.

Minkejja li l-armla kienet tipprova titkellem mieghu biex tkisser il-hajt tas-silg li kien hemm bejnithom, Nikolai ma kienx ikompli. Imma wara xi zmien Nikolai zerzaq xi kliem ma' l-armla ghaliex kien jinsab hemmhekk. Il-genituri tieghu mietu meta kienu ghadu zghir hafna u zijuh ha l-kustodja tieghu legalment. Meta Nikolai kellu 17 il-sena sab li l-fortuna li hallewlu l-genituri tieghu bhala wirt ghalih, zijuh berbaqha u hlieha fix-xejn . Din kien jonqos biex ir-relazzjonijiet hziena li kien hemm bejn u bejn zijuh jinkisru darba ghal dejjem. Hekk kif skopra dan, Nikolai sahan bis-shih u fl-argument li nqala' spara lejn zijuh. B'fortuna laqtu f'idejh.  Il-pulizija arrestawh u l-imhallef billi ra li l-zaghzugh kienu ghadu zghir fl-eta' eziljah lejn is-Siberja.

L-armla innutat li meta kien jitkellem fuq il-grajja li ghadda minnha, kien jiftah mill-gdid il-ferita u juri sinjali ta' rabja kbira. Imma x-xiha kienet tipprova tikkalmah u turih kemm kienet sabiha li wiehed jahfer u jinsa'.

2.

Jum wiehed Nikolai iltaqa' maz-zaghzugha Svetlana u habbha. Il-hajja mizzewga ma' Svetlana nessitu xi ftit il-qares tal-hajja. Fid-dar il-gdida tieghu ha mieghu lil armla Maruska. Kienet benefattrici kbira tieghu u bl-ebda mod ma ried ihalliha wahedha wara li tant ghamlet mieghu. Huwa fetah negozju u sar sinjur. Kulhadd kien jirrispettah fid-distrett. Kellu familja migbura u martu Svetlana flimkien maz-zewgt itfal tieghu kienu jhobbuh b'imhabba tal-genn. Jum wiehed martu staqsietu jekk dak li tilef f'zoghzitu, issa kienx irkuprah.

"Dak hallejtu warajja, izda ghadni ma nsejtux."

Martu hasset daqqa ta' stallett ghal din it-twegiba ghaliex ghalkemm kien jaf hafna jitkellem fuq ir-religjon' f'qalbu ghad hemm iz-zerriegha tal-mibgheda. Il-kelma t'Alla kienet taqa' f'art niexfa. It-tnejn kienu hosbiena u siekta; f'waqt minnhom Nikolai kiser is-skiet u saqsa lil martu: "X'inti tahseb? Fuqi jaqaw?"

Svetlana ma wegbitux. "Ghidli," rega' talabha.

"Biex nghidlek il-verita', iva, fuqek. Allura trid tghidli li tant ilek taqra l-Kelma t'Alla u din ma ratbitlikx il-qilla tieghek kontra zijuk?"

Nikolai ma hadiex kontra martu, imma wiccu tnikket, imbaghad qalilha: " Inti ma tafx il-Bibbja bizzejjed biex titkellem hekk." Zewgha beda' jipprova jargumenta ma' martu biex jiggustifika ruhu u kompla: " Hemm ingustizzji li qatt ma ghedthom lil hadd, madankollu ser nikxef il-mohba ta' qalbi mieghek.....ghalik biex tifhimni aktar. Iz-ziju tieghi haqar hafna lil missieri bi kliemu u xerred hafna gideb fuqu tant serju li ommni ma felhitx ghal inkwiet u mietet. Biex tkompli huwa mmalafamani biex jimpedini li nizzewweg it-tfajla li kont inhobb sa minn tfuliti u dan kollu biex jizzewwigha hu… bniedem xih li kien. Hwejjeg bhal dawn qatt ma nista' ninsiehom u anqas nahfirhom."

"Tassew garrabt salib kbir, izda ma jidhirlekx li inti ma hadt ebda gid mill-qari tal-Kelma t'Alla?." Nikolai pprova jiggustifika ruhu billi jsemmi nies tajba li waqqfu lil ghadu taghhom u sa waslu biex qatluh

Svetlana kompliet trossu mal-hajt meta qaltu: "Hemm differenzi kbar bejn l-Antik Testment u l-Gdid Testment. Ta' l-ewwel mimli tpattija izda ta' l-ahhar jitkellem

fuq il-mahfra u l-imhabba ta' l-ghadu taghna. Mhux ghalhekk Kristu qalilna li hu ma giex biex ikisser il-ligi izda biex jaghmilha aktar perfetta, jaghtiha direzzjoni gdida."

Zewgha baqa' sieket u jahseb fuq dak li qaltu martu. Meta ratu hekk Svetlana hadet ic-cans li tkompli zzid id-doza ta' l-argumenti taghha. " Ara Nikolai, hares lejn Kristu, ghamel il-gid u pattewhielu bid-deni, izzuffjettaw bil-gid u l-mirakli li kien ghamel maghhom, sawtuh sa ma dendluh fuq salib. Imma madankollu ghalkemm b'kelma wahda biss seta' baghtilhom nar mis-sema, huwa ried jaghtina ezempju ta' mahfra u raddilhom it-tbatija li kienu qed jaghtuh bil-mahfra."

"Ieqaf," talabha Nikolai," qed issewwidli qalbi." Martu ratu konfus u ghalhekk waqfet u halliet f'idejn Alla biex jiehu hsieb Hu. Hi wittiet it-triq. Alla issa jirranga u jiddritta t-triq Hu. Imma hija kellha fiducja li jum wiehed issehh l-mahfra. "Tassew iridi ikun miraklu biex zewgi Nikolai jahfer." Qalet bejnha u bejn ruha.

3.

Jum wiehed Nikolai kien fil-gnien jaqra mill-Gdid Testment, is-silta fejn Gesu' mar fid-dar ta' wiehed sinjur lhudi u dan ma offrilhux ilma biex jahsel saqajh kif kienet id-drawwa lhudija. "Li kieku kont hawn Sinjur kont naghtik dak kollu li ghandi u li jiena.", qal lill-Mulej bil-hsieb. Ziffa hafifa dak il-hin ghaddiet minn fuq ix-xtieli tal-ward fil-gnien u Nikolai deherlu li sema' lehen jghidlu: "Ghad nigi."
Fetah qalbu ma' martu fuq dak l-incident stramb. "Tahseb li l-Mulej ghad jigi tassew ghandi bhala mistieden?"

Svetlana wegbitu: " Ghaziz zewgi din il-haga hija 'l fuq mill-intelligenza tieghi."

"Dan hu l-istess Kristu. Il-lum u ghal dejjem u jiena ma nissugrax li nirrifjuta li nemmen."

"Mela allura emmen u tiddubita qatt, anqas ghall-mument wiehed biss."

"Ara x'naghmlu Svetlana. Mill-lum 'l-quddiem, kuljum nippreparawlu post fuq il-mejda taghna, biex meta jigi nkunu preparati u ma johodniex ghal-gharrieda."

Ghalkemm martu ma haditx pjacir, ma meritux u qablet mieghu ghal anqas apparentement. U meta l-ghada t-tfal raw post imhejji ghal ikel ghall-persuna li ma kienitx hemm giethom kurzita' u staqsew lil missierhom fuq dak il-post vojt. Hu kien jispjegalhom li kellu weghda li jirriserva post ghal xi mistieden specjali li jista' jinqala' minghajr ma kien mistenni.

Jum wara l-iehor Nikolai kien jistenna l-Mulej, izda dan la wasal il-Hadd ta' wara u anqas fil-granet u x-xhur li gerrbu maz-zmien. Kultant kien wasal biex jitlef sabru u jaqta' qalbu. Kien jghid lil martu li ghadu qatt ma sema' xi twegiba ghax-xewqa tieghu. Hija ma kienitx taf kif ser taghmillu l-qalb. Imma l-Providenza Divina kellha pjanijiet ohra. Ghal sitt shur shah Nikolai hassu mitluf.

Kien wasal il-Milied u lejliet din il-festa Nikolai qal lil martu : "Ghada nistennew lill-Mulej."

"U kif taf dan?" staqsietu martu.

"Wara li tennejt it-talb tas-soltu, hassejt ruhi titqanqal u deherli li smajt cari l-kliem tas-Sinjur: " Iva, dalwaqt gej ghandek."

"Dan zgur li gej ghandek u mhux ghandek biss izda ghand kull wiehed li ipprepara ruhu sewwa ghat-tifkira tat-Tweld tieghu. Ma tafx li ghada l-Milied?"

"Ghada Maruska nigbru l-familja kollha biex nistennewh u naghtuh merhba kif inhu xieraq."

L-ghada il-mejda kienet ippreparata kif jixraq ghal-okazzjoni tal-mistieden rjali. Il-wicc tal-mejda kien miksi bi tvalja bajda bhas-silg tas-Siberja. Ix-xemghat kienu diga' mixghula u jarmu d-dawl fqir taghhom fil-kamra tal-pranzu, billi l-jum xitwi hawnhekk fis-Siberja huwa qasir hafna. Ghalkemm kulhadd kien mal-mejda, l-mistieden kien ghadu ma deherx u Nikolai beda jippassigja minn kamra ghal ohra. "Tghid il-mistieden jonqos minn kelmtu jew jien ma fhimtx il-messagg tieghu?" kien jghid bejnu u bejn ruhu.

Nikolai dahal fil-kamra tas-salott u wahdu tenna l-Missierna quddiem ikona tal-Madonna bil-Bambin . Barra kien hemm tempesta qalila. Imbaghad Nikolai dahal fil-kamra tal-pranzu u quddiem martu, uliedu u Maruska qal it-talba ta' qabel l-ikel biex jibdew il-pranzu.

"Kristu twieled il-lum . Ejjew infahhru lill-Mulej Alla li baghtilna s-Salvatur . Nifirhu u nithennew ghaliex il-lum nizel hawn fostna r-redentur taghna u gie jghammar fostna, bhala wiehed minna." Anqas lahaq spicca dawn il-kelmiet li ma nstemghetx tifqiegha kbira. Deher li kien xi hoss ta' sajjetta, billi barra t-tempesta kienet fl-eqqel taghha, li donnu rieghed it-twieqi u l-bibien. "Dak il-hoss donnu xi haga habtet mal-bieb ta' barra," qalet Svetlana lil Nikolai.

“Halli naghti titwila.” Qam minn postu u resaq lejn il-bieb. Malli fetah il-bieb Nikolai lemah xih liebes intertaq, kwazi mejjet bil-kesha, mitluq minn tulu fuq l-ghatba tal-bieb billi ma kienx fadallu sahha li jibqa’ bilwieqfa. Nikolai refghu min taht spallejh u mexxih lejn l-ewwel siggu biex ipoggi bil-qieghda. Flieh sewwa u ra li minn din il-figura kien hiereg id-dawl u riha tfuh liema bhala.

Nikolai gharaf li kien il-Mulej, nizel gharkubtejh u qal: “Mulej ma jisthoqqlix li tidhol gewwa dari.  Jiena nirringrazzjak li gejt izzurna.”  U beda jsejjah lin-nies ta’ daru u jaghtihom l-ahbar. Meta waslu martu, t-tfal u Maruska, id-dija u l-fwieha ghabu u baqghet biss il-figura ta’ ragel xih.  Hadu minn idejh u mexxih lejn is-siggu riservat ghall-mistieden specjali. Nikolai gharaf minn kien: kien zijuh li tant ghamillu deni.

L-ikla kienet tassew mill-aqwa  u kulhadd ha pjacir. Meta ghadda kollox Nikolai gibed lil zijuh fil-gemb biex jitkellmu fil-kwiet. Zijuh qallu li hajtu kienet spiccat ghal kollox, niesu mietu u kien berbaq flusu fix-xejn.

Ghamel zmien jistaqsi ghalih sa ma wasal fis-Siberja ghax xtaq jiltaqa’ mieghu biex jitolbu mahfra. Kien qed jibza’ li neputih ghadu nkurlat ghalih. Fit-tempesti li sikwit jahkmu lil dawk l-inhawi zijuh tilef it-triq u tant hass bard li beza’ li jmut bil-ksieh. “

“F’daqqa wahda,” zijuh irrakuntalu ,” habbat wicci ma’ bniedem li qalli biex nigi hawn f’din id-dar u ndikali d-dwal li kienu jixghelu fil-kmamar. Hu posti u kull mill-platt tieghi.  Hemm inti tishon u terga’ tigi f’tieghek. Hadli idejja u gheni nqum fuq riglejja. Bit-tajjeb u l-hazin wasalt sa hdejn il-bieb. Meta wasalna fuq l-ghatba huwa sabbat idejh ma’ l-imjan tal-bieb hekk qawwija li hsibtha ghamlet xi sajjetta.”

“Zi, jiena naf minn mexxik ghal hawn.  Kien il-Mulej.  U nistiednek li tibqa’ hawn kemm trid anke sa ma tmut.  Naghtik kamra biex torqod u tghix maghna.”

U zijuh baqa’ maghhom sa ma miet.  Issa l-ghoqla li kellu f’ruhu ghebet ghax hafer u sema’ minn kliem il-Mulej Gesu’: “Hobbu lil ghedewwa taghkom u aghmlu t-tajjeb lil dawk li jahqrukom.”